# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU SEBGĦA

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju, 2002 fis-6.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier (4.50pm) |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Xejn | | |

*Nota :*

*Skond l-aġenda maħruġa fid-19 ta' Lulju, 2002 laqgħa numru 7 tal-Kunsill Lokali kellha ssir nhar il-Ġimgħa 26 ta' Lulju 2002 fis-6.30pm.*

*Minħabba li l-Laqgħa Pubblika straordinarja li kienet imsejjħa fl-istess ġurnata fil-5.30pm u li ħadet aktar fit-tul milli kien maħsub, il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill tiġi trasferita għal nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju 2002 fis-6.30pm.*

### AĠENDA

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Dawret lx-Xatt.
4) Triq San Mikiel.
5) Proġett Kottonera.
6) Riżoluzzjonijiet.
7) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti.

## 7 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

Il-Minuti ta' Laqgħa Nrumru 6 ġew preżentati għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

7.1.1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada, il-Kunsill approva unanimament il-Minuti tas-sitt laqgħa tal-Kunsill hekk kif ġew ippreżentati.

## 7(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.

*7.(2).1 Upgrading ( 03/07/2002)*

Flimkien mas-Sindku saret site visit mis-Sotto Kumitat Proġetti dwar upgrading fi Pjazza san Mikiel, fi Pjazza quddiem Ġnien il-Gardjola u fil-Belvedere fi Triq Is-Sur. Dawn kienu akkumpanjati mill-Contract Manager tal-Kunsill. Sar stħarriġ dwar problemi li jistgħu jinqalgħu fl-eżekuzzjoni ta' dawn il-Proġetti.

*7.(2).2 Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma (04 / 07 / 2002)*

Is-Sindku f'kuntatt bit-telefon li kellhu mal-Inġinier Galea St.John, ipprotesta kontra l-waqfien tax-xogħol ta' tqegħid tas-servizzi ta' l-Ilma fi Triq il-Kurċifiss. Jidher li l-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma mhux konxja biżżejjed tad-diffikultajiet u l-inkonvenjenza li qed Iħabbtu wiċċhom magħhom ir-residenti f'dawn it-toroq.

*7(2).3 Laqgħa ma' l-Arċipriet (05 / 07 / 02)*

Saret laqgħa ma' l-Arċipriet Joe Grech u l-assistant tiegħl Mark Schembri u s-Sotto Kumitat Ħidma u Inizjattiva Soċjali. Saret Diskussjoni biex flimkien jiġu organiżżati attivitajiet għażżgħażagħ b'tema dwar l-Alkoħol ud-Droga.

*7(2).4 Laqgħa mal-Ladies Circle (09/07/2002)*

Saret laqgħa mal-Ladies Circle tal-lokal fejn ġie diskuss il-kontribut li dan Iċ-ċirkolu jista joffri lill-Kunsill għal dawk li jixtiequ jaħdmu volontarjament fil-Kommunita' Sengleana.

*7.(2).5 Laqgħa ma' l-Onor. Francis Zammit Dimech ( 10 / 07 / 2002)*

Saret żjara mill-Ministru għall-Infratruttura u Riżorsi Francis Zammir Dimech fuq proġetti ta' manutenzjoni li qed isiru fil-lokal fosthom is-Sur ta' San Mikiel. F'diskors qasir li sar fis-Sala tal-Kunsill il-Ministru Francis Zammit Dimech wiegħed aktar għajnuna fix-xogħlijiet fil-lokal fosthom it-taraġ taż-żonqor fi Triq il-Ħabs l-Antik, id-Daħla ta' l-Isla u l-art ta' taħt l-Arloġġ.

*7(2).6 Marina Grupp ( 11 / 07 / 2002)*

Saret laqgħa fil-Kunsill mal-Marina Grupp flimkien ma' l-Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori fejn ġew diskussi kif ser jitpoġġew l-irmiġġl preżenti tad-dgħajjes fin-naħa ta' l-Isla.

*7(2).6.1* Marina Grupp stqarrew li ma' kienux ser jagħmlu pontoons fuq in-naħa ta' l-Isla u kienu lesti jakkomodaw it-talbiet għall-irmiġġl preżenti kif jidhru fil-

ftehim li kien intlaħaq żmien ilu mal-Ministru Francis Zammit Dimech u rappreżentanti tal-Consortium.

*7(2).6.2* Il-Kunsill kellhu jikteb lil Marina Grupp biex juri x'kienet ix-xewqa tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

*7(2).6.3* Il-Kunsill kellhu jagħmel dan wara li tissejjaħ laqgħa pubblika.

*7(2).7* *Segretarju Parlament l-Onor. Edwin Vassallo (12 / 07 / 2002)*

Is-Sgretarju Parlamentari l-Onor. Edwin Vassallo ltaqa' mal-Kommunita' Kummerċjali tal-lokal fis-Sala tal-Kunsill. Din il-laqgħa kienet dwar il-Liċenzji u l-Liġi tal-Permessi. L-Attendenza kienet fqira ħafna.

*7(2).8* *Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori (14/07/2002)*

Din l-Għaqda sejjħet laqgħa ġenerali li saret fis-Sala tal-Kunsill. Is-Sindku ġie mistieden jindirizza din il-laqgħa.

F'din il-laqgħa l-Membri preżenti approvaw il-proposti kif imressqa mill-Marina Grupp fil-laqgħa li saret nhar il-11 ta' Lulju 2002.

*7(2).9* *Laqgħa mal-Viċi Prim Ministru l-Onor. Lawrence Gonzi (16/07/2002)*

Din il-laqgħa saret fl-Uffiċċju tal-Viċi Prim Ministru wara talba mill-Kunsill. Id-Diskussjoni kienet dwar dawn is-suġġetti :

*7(2).9.1* (1) Biex jitkompla x-Xogħol fuq Dockyard Terrace

(2) Biex jgħin fil-kwistjoni ta' l-Ex-Uffiċċju tal-Kunsill f'Misraħ 4 ta' Settembru ħalli jibqa' taħt il-kontroll tal-Kunsill. Dan is-sit huwa ndikat bħala Librerija Pubblika u fejn ser ikun stallat l-E Government tal-Kunsill.

(3) Għal sit għas-Senglea Athletics F. C. Nursery u 5-a-side grawnd.

(4) Biex jgħin ħalli d-diffikultajiet li hemm jingħelbu sabiex is-Sala ta' San Mikiel tiġi devoluta lill-Kunsill mill-Malta Drydocks.

*7(2).10* *Triq San Mikiel (16/07/2002)*

Fil-laqgħa tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera fil-Birgu, saret talba mis-Sindku biex il-kurduna u t-tarmac biex barra l-parti ndikata fil-proġett, issir kolha kemm hi jiġifieri minn Triq is-Sur fuq naħa sa Triq il-Vitorja min-naħa l-oħra.

Id-Differenza fil-ħlas ser joħorġu mill-fondi li hemm approvati għall-Kunsill Lokali ta' l-Isla għal din is-sena tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

*7(2).11 Local Enforcement System - LES (18/07/2002)*

Saret laqgħa fl-Uffiċċju tal-Kunsill mas-Sur John Bonavia, Uffiċjal Awtorizzat u Charles Curmi Uffiċjal ewlieni tal-Gwardjani Lokali. Din il-laqgħa saret fuq talba tal-Kunsill.

Gie diskuss kif qed taħdem is-sistema u d-diffikultajiet li din qed tħalli.

Ġie propost u approvat li l-ħin tal-Wardens jiżdied minn 4 sigħat għal 5 sigħat fil-ġimgħa.

*7(2).12 Laqgħa oħra ma' l-Arċipriet (22/07/2002)*

Is-Sindku reġgħa kellhu laqgħa oħra ma' l-Arċipriet dwar attivita' għaż-żgħażagħ fil-Festa ta' Maria Bambina. Sakemm ikun hemm l-approvazzjoni tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera l-Kunsill ma' jsibx oġġezzjoni.

Huwa ssuġġerixxa li jsiru fustuni ta' dawl max-Xatt. Ġie diskuss ukoll il-ħruq tan-nar tal-Festa minn fuq il-Mina.

*7(2).13 Kontijiet Kontestati (23/07/2002)*

Saret laqgħa mal-Kuntrattur Silvar Construction & Services Ltd. sabiex ikunu diskussi l-kontijiet pendenti li l-Kunsill mhux qed jaqbel ma' kid sar il-kejl. Preżenti għal din il-laqgħa kien preżenti l-Contract Manager flimkien mal-Perit tal-Med Developers Designers & Consultants Ltd.

Għalkemm sar progress ser ikun hemm laqgħa oħra ta' verifikazzjoni qabel il-ħlas ta' dawn il-kontijiet jiġu effetwati.

*7(2).14 Ladies' Circle (24/07/2002)*

Flimkien mas-Sindku Joseph Casha għal din il-laqgħa kien hemm preżenti Vanessa Caruana ta' l-Appoġġ sabiex joħolqu programm ta' attivitajiet u wara jressquh quddiem il-Kunsill.

*7(2).15 Ecouncillor Forum (25/07/2002)*

Is-Sindku attenda għal din il-laqgħa. Ġew infurmati dwar il-Website ta' kull Kunsill u taħriġ li għandhu jsir.

Dawk li jridu jibnu s-sitema mill-ġdid ikollhom għajnuna ta' madwar Lm 300. Għal kull Kunsill li diġa għandhu website u trid tiġi up to standard hemm għajnuna ta' madwar

Lm 300. Din tista tiġi żviluppata mill-Kumapnija Terranet.

F'din il-laqgħa tqassam draft agreement dwar l-Internet Services Sponsorjat mill-ISP kif ukoll draft kif għandha tiġi aġġornate l-Home Page ta' kull Kunsill.

*7(2).16 Taraġ taż-Żonqor*

Saret talba lill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera biex it-taraġ ta' ħdejn il-Klabb tal-Boċċi fi Triq il-Ħabs l-Antik isir taż-żonqor.

*7(2).17 Ħajt fil-Ponta*

Wara li saret talba lir-Restoration Unit, il-ħajt li kien hemm fil-Ponta fid-daħla tal-Grawnd issa ġie żarmat.

*7(2).18 Ħsejjes mid-Dockyard*

Is-Sindku kellhu kuntatt kontinwu mas-Sur Vince Micallef dwar ħsejjes bil-lejl fuq vapur li qiegħed sorġut fid-Dockyard biswit l-Isla. Dawn il-ħsejjes kellhom jieqfu.

Pero' hemm diffikultajiet kbar u oġġezzjonijiet qawwija mis-sidien biex il-vapur jittieħed naħa oħra. It-Tarzna qagħdet fuq parir legali dwar dan.

## *7.(2).16 Korrispondenza*

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn l-1 u l-25 ta' Lulju 2002 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1252/02/I Sebbaħ Pajjiżek*

Il-Kunsill irċieva t-tagħrif meħtieġ dwar il-kompetizzjoni Sebbaħ Pajjiżek li huma mqassma fi 12 il-Kategorija.

*04/1298/02/I Senglea Regatta Club*

Talba biex tingħata għajnuna finanzjarja biex jinxtara materjal għall-bini ta' "Kajjik".

Il-Kunsill ħalla d-deċiżjoni tiegħu għal aktar tard. GĦandhom jiġu nfurmati b'dan permezz ta' ittra.

*04/1306/02/I Towing & Clamping Sites*

Talba mill-Uffiċjal Awtorizżat għal tagħrif dwar fejn hemm towing u clamping sites. Għandha tiġi maħtur kummissjoni biex tindika dawn il-postijiet.

*04/1308/02/I* *Stedina mill-Kumitat Olimpiku Malti*

Il-Kunsillier Reno Chircop ser jattendi għal din il-preżentazzjoni li ser issir fis-17 ta' Lulju 2002 fil-Kumpless tal-Pixxina Nazzjonali tal-Qroqq. Aktar tard jistgħu jiġu organiżżati attivitajiet għat-tfal.

*04/1309/02/I* *Kiddie Rides Machines*

Il-Kunsill approva l-permess għal Kiddie Rides biex jintramaw fil-ġranet tal-Festa bejn l-4 u t-8 ta' Settembru 2002.

*04/1334/02/I* *Anzjan tas-Sena 2002*

Il-Kunsill qabel li jistieden lill-Għaqdiet fil-lokal biex jinnominaw anzjan mill-Għaqdiet tagħhom għall-Premju Anzjan tas-Sena 2002 imniedi mill-Ministeru għall-Politika Soċjali.

*04/1348/02/I* *BOV Premises fl-Isla*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Bank of Valletta għandhu pjanijiet alternattivi għal dan il-premises u għaldaqstant ma' jistgħax jiġi trasferit lill-Kunsill bil-ħsieb li jużah għan-Nursery tas-Senglea Athletics F.C.

*04/1358/02/I* *Kuntatt*

Il-Kunsill qabel li jġedded il-ftehim mal-Maltacom dwar it-Tieni Edizzjoni tal-Magazine "Kuntatt".

*04/1372/02/I* *Pedestrian Crossings*

Il-Bord għal Kontroll tat-Traffiku aċċetta t-talba tal-Kunsill biex isiru żewġ pedestrian crossings waħda fi Triq il-Vitorja u l-oħra fi Triq Iż-Żewġ Mini quddiem il-MUSEUM.

*04/1376/02/I* *Public Internet Access Ponts (PIAP)*

Il-Kunsill qabel li t-telephone booth li hemm f'Misraħ 4 ta' Settembru ħdejn l-Uffiċċju tal-Kunsill il-Qadim ikun il-post minn fejn ikun hemm aċċess pubbliku u b'xejn għal informazzjoni fis-sistema msemmija hawn fuq.

*04/1396/02/I* *Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jaħtar Sotto Kumitat mill-Kunsill biex lhejji attivitajiet fil-lokal bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet għas-Sena għall-Persuni b'Diżabilita' (2003).

Talba mis-Sinjura Edwina Spiteri biex isir garigor tal-ħadid minn isfel għal fuq il-bejt. Il-Kunsill ser jinforma lill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

## (3) Dawret Ix-Xatt

Minn kuntatti li saru mad-Dipartiment tat-Toroq, il-Ministeru għat-Trasport u Kommunikazzjoni approva biex din it-triq issir. L-offerta ser toħroġ hekk kif tkun approvata mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

## 7 (4) Triq San Mikiel

Il-Kunsill jaqbel li Triq San Mikiel issir kollha minn Triq is-Sur sa Triq il-Vitorja b'kurduna ġdida u bil-Hot Rolled Asphalt mhux l-arja biss fejn qed isir ir-refurbishment.

Il-Kuntrattur qabel li jitħallas wara Settembru 2002 mill-fondi vvutati mill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera u li hu għall-użu tal-Kunsill għas-sena 2002 / 2003.

## 7 (5) Proġett tal-Kottonera (Yacht Marina)

Il-Kunsill iddiskuta dan il-proġett mar-residenti fil-Laqgħa Pubblika li żamm apposta nhar il-Ġimgħa 26 ta' Lulju 2002 fejn ġie diskuss dan is-suġġet fost affarijiet oħra.

7(5).1 Infatti l-Kunsill jressaq riżoluzzjonijiet dwar dan is-suġġett u li kienet bħala item għad-diskussjoni fuq l-Aġenda ta' din il-laqgħa.

7(5).2 Il-Kunsill jinnota li l-attendenza tal-pubbliku f'din il-laqgħa pubblika kienet fqira ħafna u ma' kien hemm ħadd jirrapreżenta lil xi Għaqda fil-lokal.

## 7 (6) Riżoluzzjonijiet

7.(6).1 Din ir-riżoluzzjoni tirrifletti l-pożizzjoni tal-Kunsill fuq il-proġett tal-Kottonera kif rifless mill-fehmiet tar-residenti b'riżultat tal-laqgħat li l-Kunsill żamm f'dawn l-aħħar snin ma' diversi entitajiet fil-lokal(Kopja tar-Riżoluzzjoni Mehmuża).

7.(6).2 Is-Sindku Joseph Casha issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop ppropona li din ir-riżoluzzjoni tiġl approvata.

7.(6).3 Din ir-riżoluzzjoni ġiet approvata nem. con.

7 (7) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti li kienu jammontaw għal Lm 11, 894.88 mill-fond ġenerali tal-kunsill.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fil-11.00pm b'dan l-item fuq l-agenda.

---

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

---

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv